**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Frar, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**-vs-**

**Karmenu Muscat, detentur tal-karta tal-identita' numru 134450M**

*Kumpilazzjoni Nru. 342/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Karmenu Muscat, u ċioè talli:

> Fiż-Żurrieq nhar id-19 ta' Ottubru, 2017, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (07:30am):

1. Ħebb u kkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rokku D'Amato (ID: 156052M) persuna li għalqet l-eta' ta' 60 sena, hekk kif iċċertifika Dr. Winston Bartolo (Med. Reġ. 3558);

2. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Rokku D'Amato (ID: 156052M) biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu;

3. Bil-ħsieb li ttellef jew naqqas il-ġieħ ta' Rokku D'Amato (ID: 156052M) weġgħa bi kliem, b'ġesti b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor;

Il-Qorti ġiet mitluba li toħrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija mal-piena li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba li biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Rokku D'Amato u l-familja tiegħu ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

- Fl-Artikoli 214, 215, 216, 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 17, 31, 383, 384, 385, 386, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'kellu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-
Illi **Rokku D'Amato** xehed li kien qed jerga' jibni hajt li kien isserrep fuq l-ghalqa tal-imputat meta f'hin minnhom mar fuqu l-imputat u beda jipprova jerga' jaqleb il-hajt filwaqt li jidghi, *"U mort biex inzommu jien u qabadli idi u xehitni ghal isfel u fetahli rasi…Wicci lejh, qabadli idi u xehitni ghal isfel"*.[2] In kontro-ezami jinsisti *"Gibidni ghall-isfel…gibidni ghall-*

[1] Fol.69
[2] Fol. 29

*isfel…L-isfel ghal go tieghu, gibidni ghal go tieghu….<u>kien hemm bicca blata tela' fuqha</u>"*.[3] Iz-zappun u l-imterqa kienu ghadhom fuq il-hajt. Jinnega li kien hu li hebb ghalih *"Gie mieghi, kien mieghi ghax jien kont fuq il-hajt hawn…"*.[4] D'Amato **jichad li waqt li beda jargumenta mal-imputat kellu f'idejh xi ghodda** *"Xejn ma kelli…Xejn ma kelli f'idejja…<u>Kollox kien ghadu fuq il-hajt</u>…Kont ghadni lanqas missejt xejn jien."*[5]

Illi **Dr. Winston Bartolo** kkonferma li kien ezamina lill-parte leza u sab li dan kien soffra griehi ta' natura gravi: *"kellu laceration ta' 6cm over the head vertex, extensive undisplaced linear fracture of the left bone extending to the posterior aspect of the colonial sucre, the right parietal bone and the right suparietal bone, left skipper fracture u left acromion clavicular joint tear. In-natura ta' dawn l-injuries kienu gravi."* Ghalhekk kien intbghat Mater Dei ghall-aktar kura.[6] Gie prezentat ukoll il-**Case Summary** fejn jinghad li D'Amato sofra *"Extensive undisplaced linear fracture of the skull…Fracture of the superior border of the left scapula with mild fragement displacement."*.[7] Fil-Case Summary jissemma' li D'Amato kien waqa' gholi ta' 2 metri *"after allegedly being pulled down from a wall after a fight."*[8] Dr. Mario Scerri ma sab l-ebda dizabilita` permanenti li huwa nflitt minnha Rokku D'Amato.[9]

Illi l-**Ispettur Melvyn Camilleri** spjega kif Rokku ghamel rapport li kien ingibbed mill-imputat filwaqt li l-imputat sostna li Rokku kien waqa' wahdu.[10]

Illi **PC747 Ryan Cini** xehed kif D'Amato dahal l-ghassa mimli demm ma rasu u fuq hwejjgu, dan spjega li kien hebb ghalih l-imputat "*imbaghad f'daqqa wahda deher irrabjat Karmenu Muscat u beda' jidghi u gibed lil Rokku biex ihebb ghalih u <u>Rokku qabad iz-zappun sabiex jiddefendi lilu nnifsu</u>. Imbaghad Karmenu wara li gara hekk, waqa' hemm isfel u <u>beda jaghtih Karmenu lil Rokku</u> u safrattant Rokku qisu ntilef minn sensih u meta gie f'tieghu tela' jigri mal-hajt ghal go l-ghalqa tieghu."*. Cini kompla jixhed li ttiehdet ukoll il-verzjoni tal-imputat li ma kienx ha pjacir bil-mod li

---

[3] Fol.32
[4] Fol.33
[5] Fol.32-33
[6] Fol.10-11; Certifikat **Dok.WB** a fol.12
[7] Fol.14
[8] Fol.13
[9] Fol.52 et seq.
[10] Fol.18

Rokku kien qed jibni l-hajt divizorju "*mbaghad Rokku qabad jghajjat u qallu ara ma tmissux fejn qabad iz-zappun. Karmenu kellu f'idu bicca fergha u kien staqsih ghaliex kien kissirha din il-bicca sigra. Mistoqsi Karmenu jekk li qal Rokku hux minnu jigifieri li kien refa' jdejh fuqu, qal li Rokku kien zelaq minn fuq il-hajt b'konsegwenza li gie ghal rasu fl-ghalqa tieghu u x'hin ra hekk Karmenu resaq lura imbaghad beda' niezel id-demm minn ma' wicc Rokku u tela' mal-hajt ghal gol-ghalqa tieghu.".*[11]

Fil-**Current Incident Report** jissemma li Rokku qal li meta l-imputat beda jilletika u jidghi "***qabad iz-zappun sabiex jiddefendi lilu nnifsu**. Karmenu rnexilu jigbed lil Rokku min fuq il-hajt fejn imbghad **Karmenu beda jghati lil Rokku bis-sieq**.".*[12]

Ghalhekk hemm divergenza f'dak li rraporta D'Amato fejn *a tempo vergine* qal li hu kien qabad iz-zappun biex jiddefendi lilu nnifsu filwaqt quddiem il-Qorti jinsisti li l-ghodda ma kienet qatt f'idejh u thalliet fuq il-hajt ghax ma kienx ghadu beda jahdem, "*Lanqas kont ghadni wasalt jien…Kont ghadni lanqas missejt xejn jien…[iz-zappun] hdejja kien*[13]". Issa fir-rapport jinghad li Rokku nforma lill-pulizija li *"kien qieghed l-ghalqa tieghu jirranga hajt divizorju…".*[14] Anqas ma ssemma quddiem il-Qorti li malli waqa' Karmenu baqa' jtieh bis-sieq;[15] fil-Qorti anzi lmenta biss li l-imputat "*qatt ma gie jghini*".[16]

Anke minn din l-asserzjoni fejn D'Amato donnu kien qed jistenna lill-imputat jghinu, wara li skond hu, kien l-istess imputat li gibdu ghall-isfel, tnissel fil-Qorti dubbji dwar kemm hu minnu li l-imputat gibed l-isfel lill-parte leza. Ghaliex kien qed jistenna lil Karmenu jmur jghinu jekk kien ghadu kemm gibdu minn gholi ta' sitt filati? Anzi skond dak li qal lill-pulizija wara li Karmenu gibdu ghall-isfel beda jtieh bis-sieq; li kif inghad fix-xhieda tieghu baqghet ma ssemietx!

Mill-banda l-ohra il-verzjoni ta' Karmenu moghtija *a tempo vergine* ssib korroborazzjoni f'dak li l-parte leza rraporta lill-pulizija x'hin kien l-

---

[11] Fol.20-21
[12] Fol.26
[13] Fol.33-34
[14] Fol.25
[15] Ibid.
[16] Fol.30

ghassa. Karmenu semma li Rokku *"qabad iz-zappun"* filwaqt li jghid li malli ra li Rokku wegga' hu resaq lura, ma ghenux.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Ivan Giliberti et**:

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza Taghha fl-appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Attard**" [3.4.2003]i ghalkemm jista' jkun hemm "*certu konflitt fil-provi , dan ma jfissirx li dan ghandu bil-fors johloq dubju dettat mir-raguni li necessarjament ghandu jwassal ghall-liberazzjoni. Kif issottometta l-abbli Prosekutur, f'kull kaz ix-xiehda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar (Art. 638 (2) tal-Kap.9) . U kwistjoni dwar il-kredibilita' ta' xhud tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti , billi jittiehed qies tal-imgieba , kondotta, karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti , u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu , u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*[17]

L-istess Qorti f'**Il-Pulizija vs Joseph Zahra** ddecidiet:

Inoltre jigi osservat ukoll li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar2. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghalliberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"3.*

…..

Evidentement l-Ewwel Qorti, wara konsiderazzjoni tal-provi kollha li ngabu quddiemha, wara li kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9) u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludiet li l-appellant kien hati ta' l-imputazzjoni dedotta. ….

Fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Mario Emanuel Camilleri** l-Qorti kkunsidrat:[18]

Illi kif inhu maghruf f'kaz ta' kunflitt fil-provi mbaghad, jew cahda da parti ta' l-imputat tal-fatti li qed ikunu imputati lilu mhux necessarjament ghandu jigi liberat. Hawn ukoll pronunzjat ruhha diversi drabi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali.

*Il-fatt li l-appellant cahad dawn l-incidenti w li ghalhekk hemm konflitt fil-provi ma jfissirx necessarjament li hu kellu jigi liberat ghax l-Ewwel Qorti kienet libera li temmen il-versjonijiet ta' …*

---

[17] Per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono, Deciza 07.01.2004; App. Krim. Nru. 188/2003

[18] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli, Deciza 31.01.2013

*u tiskarta dik tieghu. Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker" [19.5.1997]: "It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*[19].

Illi ghalhekk il-Qorti hi kkonfrontata b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Tenut kont li hemm kontradizzjonijiet bejn dak li xehed D'Amato quddiem il-Qorti w dak li stqarr mal-pulizija, kif ukoll in vista li ftit jaghmel sens li kemm il-darba verament D'Amato gie aggredit minn Muscat dan kellu jistenna li l-aggressur tieghu fl-istess waqt li qed jaggredieh jaghtih l-ghajnuna, din il-Qorti hi prekluza milli tistrieh fuq ix-xhieda tal-istess D'Amato. Tali xhieda, fil-fehma tal-Qorti, m'ghandhiex mis-sewwa ghall-kollox, mhix wahda *safe and satisfactory*.

Illi l-Qorti tara li hu aktar probabbli li waqt id-dizgwid kien hemm kuntatt bejniethom fejn in segwitu Rokku waqa' ghall-isfel. Madanakollu fl-ambitu penali l-kaz irid jigi ppruvat sal-grad tac-certezza morali u mhux semplicement sal-grad tal-probabbli, il-grad ta' prova fil-kamp civili.

Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn din l-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada:**[20]

"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu

[19] **Pulizija vs Omissis**; Appell Numru 51/2003 deciz 04/09/2009 per Imhallef Dr J Galea Debono.

[20] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

"*Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef** il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) irriteniet is-segwenti:[21]

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

---

[21] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima, [17.02.2011].

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi anke mill-mod kif giet ipostulata l-akkuza, fejn iz-zmien li fih twettaq ir-reat hu wiehed marbut ma data wahda partikolari, teskludi li kien hemm *course of conduct* u ghalhekk teskludi wkoll is-sejbien ta' htija dwarha.

Illi lanqas ma tista tinstab htija fuq l-ahhar imputazzjoni li kienet ravvizata bl-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali. Bl-***Att XI tal-2018*** dik il-kondotta ma baqghetx sanzjonata bhala reat. Issir riferenza ghad-decizjoni fuq eccezzjonijiet preliminari tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniel Felice**:[22]

Ghaldaqstant stante li l-imputazzjoni li kien originarjament akkuzat biha, illum il-gurnata ma ghadhiex tikkostitiwixxi reat, ghaliex in fatti l-artikolu tal-ligi in kwistjoni gie kancellat, ma jistax issa l-esponenti issa jigi misjub hati tieghu. L-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati ta' xi haga li fil-prezent ma tikkostitwixxix reat.

Jigi sottomess illi in linea mal-insenjament, *nullum crimen, nulla peona sine lege*, u tal-fatt illi meta jsiru emendi simili fil-ligi li jolqtu l-aspett sostantiv u mhux procedurali tal-ligi, u tal-fatt illi f'kazijiet bhal kaz in kwistjoni, il-principji tal-gustizzja jiddettaw li ghandha tapplika l-ligi kif l-aktar ta' beneficcju ghall-akkuzat, l-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati tal-artikolu 24(2) tal-Kap 33 tal-Ligjiet ta' Malta, li llum huwa mhassar!

Illi kkunsidrati dawn ir-rizultanzi processwali l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[22] Deciza 22 ta' Settembru, 2016 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima